



**Rikors ipprezentat fit-13 ta' Novembru 2024 – Public.Resource.Org and Right to Know vs
Il-Kummissjoni**

(Kawża T-580/24)

(C/2025/573)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Public.Resource.Org, Inc. (Sebastopol, California, l-Istati Uniti), Right to Know CLG (Dublin, l-Irlanda)
(rappreżentanti: F. Logue, Solicitor, u J. Hackl, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni Ewropea tas-6 ta' Settembru 2024 li tirrifjuta l-aċċess għal dokumenti fil-format mitlub jew f'format eżistenti, kif mitlub mir-rikorrenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001; ⁽¹⁾
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tar-rikorrenti, skont l-Artikoli 133 u 134 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, inklużi l-ispejjeż tal-intervjenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw motiv wieħed, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni ma ssodisfatx l-obbligu tal-motivazzjoni tagħha, bi ksur tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, tal-Artikolu 41(2)(ċ) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE.

- Huwa sostnut li l-Kummissjoni ma ħaditx deċiżjoni konfermattiva espliċita b'tali mod li ma wettqitx l-obbligu tagħha li tagħti lir-rikorrenti raġunijiet xierqa u suffiċjenti għad-deċiżjoni impliċita tagħha li tirrifjuta aċċess għal dokumenti fil-format mitlub jew f'format eżistenti.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).